**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 08 ta' Gunju, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 136/2020 AF**

**Amici Projects Limited (C-88103)**

**vs**

**Carmelo Salerno AZ 0188051 (ID 0213734A)**

**u**

**Prospero Salerno AX8605336**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors mahluf tas-socjetà Amici Projects Limited, li permezz tiegħu, wara li ġie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti esponenti hija kreditrici ta' Carmelo Salerno u Prospero Salerno konguntivament ghas-somma ta' disa' u erbghin elf, tmien mija u tmienja u disghin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€49,898.68) kwantu hlas ta' varji ammonti avvanzati lilha mis-socjetà rikorrenti ghal xogholijiet ta' kostruzzjoni bhala sub-appaltatur illi kellhom isiru mill-intimati fuq siti gewwa Attard u Haz-Zebbug.

Jinghad li s-socjetà rikorrenti esponenti avvanzat pagamenti ghall-valur ta' mija u hamsa u erbghin elf, hames mija u dsatax-il Ewro u hdax-il centezmu (€145,519.11) skond l-anness Dok. A li thallsu *on account* ghal xogholijiet illi kienu qed isiru mill-intimati konguntivament a bazi ta' zewg kuntratti ta' xogholijiet annessi u mmarkati bhala Dok. B u C.

Jinghad li l-valur tax-xogholijiet illi saru u gew iccertifikati kif strettament mitlub mill-kuntratti ffirmati bejn il-partijiet jammonta ghall-valur globali ta' hamsa u disghin elf, sitt mija u erba' u ghoxrin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€95,624.43) kif evidentement spjegat fl-anness dokument mmarkat Dok. D.

Jinghad ghalhekk li in vista tal-kalkoli suesposti, jirrizulta li l-mittenti hallas *on account* pagamenti li jeccedi l-valur tax-xogholijiet komprehensivi illi saru. Id-diskrepanza hija ta' disa' u erbghin elf, tmien mija u tmienja u disghin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€49,898.68) liema valur huwa cert, likwidu u dovut, peress illi twaqqfu x-xogholijiet.

Is-socjetà rikorrenti esponenti ppruvat tinnotifika lill-intimati b'ittra ufficcjali datata 15 ta' Jannar 2020 mahruga darbtejn biss però l-istess intimati ma wegbux ghal din l-ittra u qeghdin jirrifjutaw li jonoraw l-obbligi kuntrattwali taghhom u jhallsu lura l-ammont dovut.

Ghalhekk qeghda ssir din il-kawza sabiex jigi kkanonizzat kreditu

ta’ disa’ u erbghin elf, tmien mija u tmienja u disghin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€49,898.68) favur l-istess socjetà rikorrenti flimkien mal-imghaxijiet legali mid-dati meta l-ammonti avvanzati saru dovuti sad-data tal-effettiv pagament tal-ammont u dan flimkien mal-ispejjez gudizzjarji inkluz dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju li l-hrug tieghu sar fil-granet ta’ qabel ma saret il-kawza odjerna.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tikkundanna lill-intimati jhallsu s-somma ta’ disa’ u erbghin elf, tmien mija u tmienja u disghin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€49,898.68) kwantu hlas ta’ varji ammonti avvanzati lill-intimati mis-socjetà rikorrenti ghal xogholijiet ta’ kostruzzjoni bhala sub-appaltatur illi kellhom isiru mill-intimati però qatt ma saru liema ammont ghalhekk huwa llum dovut.

Bl-imghaxijiet legali mid-data meta l-ammont sar dovut sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-intimati, minkejja li gew debitament notifikati, baqghu ma ressqu ebda twegiba ghall-kawza.  Lanqas ma ressqu sottomissjonijiet finali minkejja li gew awtorizzati jaghmlu dan minn din il-Qorti.

Rat id-dokumenti.

Semghet xhud viva voce.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza s-socjetà rikorrenti qed tittenta tigbor lura flejjes imhallsa zejda minnha lill-intimati li lilhom kienet tat appalt ghall-kostruzzjoni ta’ binja f’H’Attard.  L-intimati ma wiegbux ghall-kawza.

Doveruz wiehed jenfasizza f'dawn ic-cirkostanzi li dawn il-Qrati dejjem ghallmu li l-kontumacja ma hija qatt meqjusa bhala ammissjoni tat-talba u ghalhekk jibqa' jinkombi fuq l-attur illi jiggustifka t-talba tieghu sal-grad rikjest mil-ligi.

Fil-kaz in ezami, dan l-oneru gie sodisfatt, kemm permezz tad-dokumenti esibiti kif ukoll bil-konferma guramentata ta' David Bonnici u Adolfo Camilleri.  Ix-xhieda hija sorretta mid-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant il-Qorti, f'dawn ic-cirkostanzi, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba u tikkundanna lil Prospero Salerno u Carmelo Salerno jhallsu lis-socjetà rikorrenti is-somma ta' disa' u erbghin elf, tmien mija u tmienja u disghin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€49,898.68) bl-imghaxijiet mid-data tar-rikors promotur u spejjez kif mitlub fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati.

IMHALLEF

DEP/REG